*Birkirkara matul l-aħħar gwerra – xi tifkiriet*

# IT-TRAĠEDJA TA' TRIQ SAN ROKKU

*(Mill-Perit MICHAEL ELLUL)*

Wara li s-sena l-oħra ktibt artiklu fil-ktejjeb tal-Programm tal-Festi ta' Sant'Elena dwar xi tifkiriet u ġrajjiet ta' l-aħħar gwerra f'Birkirkara, bosta kienu dawk li waqqfuni fit-triq u kellmuni dwaru. Uħud minnhom kont nafhom, il-biċċa l-kbira ta' l-età tiegħi, u li bħali kienu għaddew minn dawk il-ġrajjiet. Kellmuni fit-tul, u mat-tifkiriet li kont ktibt dwarhom, semmewli ġrajjiet oħra li jew kienu ħarġuli minn rasi wara tant snin, jew li ma kont naf xejn bihom. Il-kliem bħaċ-ċirasa, u bejni u bejnhom inħolqot sensiela ta' tifkiriet, intisġet damma ta' rakkonti żgħar, iżda li flimkien jagħtu tagħrif ġdid dwar l-istorja ta' Birkirkara matul it-Tieni Gwerra. Oħrajn, nies ma nafhomx, u aktarx iżgħar minni fiż-żmien, talbuni nirrakuntalhom aktar fit-tul dwar suġġett li deher li kien interessahom. Ħbieb oħra, ħajruni nerġa' nikteb, u iżjed fit-tul, għax, qaluli, il-memorji ta' dak li tkun għaddejt minnu huma għeżież, u jsiru aktar prezzjużi malmogħdija taż-żmien. Oġġett għal qalbek, mitluf jew minsi, iferrħek meta ssibu, iżjed u iżjed jekk ikun ilek li tliftu jew insejtu. Qtajtha għalhekk li nikteb din is-sena dwar ġrajja partikulari ta' l-aħħar gwerra, u li dwarha kont semmejt xi ħaġa żgħira s-sena l-oħra. Għażilt li nikteb dwar it-Traġedja ta' Triq San Rokku.

* * * * * *

Is-sena 1942 kienet l-iżjed qalila tal-gwerra. Il-qawwiet ta' l-ajru ta' l-għadu konċentrati fl-artijiet qrib ta' Sqallija u l-Afrika ta' Fuq, kienu għamlu ħerba minn gżiritna. Ta' kuljum, bil-lejl u bi nhar, it-treddin ta' l-ajruplani, il-karba tas-sireni, it-tisfir tal-bombi, il-gzuz ta' ġebel u terrapien li darba kienu djarna, kienu saru parti minn ħajjitna. Ma' dawn wieħed irid iżid in-nuqqas ta' rqad, il-ħin mgħoddi fix-shelters, u fuq kollox in-nuqqas ta' ikel. Il-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum kienu ilhom ftit ftit jonqsu, hekk kif id-dħul ta' vapuri naqas sa ma waqaf għal kollox. Il-ftit ikel li kien baqa' beda' jitqassam bir-razzjon, u żewġ convoys fix-xahar ta' Ġunju, wieħed minn Lixandra u l-ieħor minn Ġibiltà, ġew imħarbta qabel ma laħqu daħlu fil-port, u ż-żewġ vapuri li kien irnexxielhom jidħlu ġew mgħarrqa bil-merkanzija ta' fuqhom qabel ma ħattewhom. Mal-ġuħ żdiedet il-biża' tal-invażjoni; l-għadu kien determinat li b'mod jew ieħor jeqred lil gżiritna jew jeħodha taħt idejh għal kollox.

Ix-xahar ta' lulju tal-1942 beda' mill-ewwel bil-ħażin għal Birkirkara u għan-nies tagħha:

• ikompli

**5 ta' Lulju:**

Waqt raid bil-lejl, waqgħu xi bombi li b'xorti tajba ma splodewx fl-inħawi tal-Fleur-de-Lys (li dak iż-żmien kien għadu jagħmel ma' Birkirkara).

**9 ta' Lulju:**

Rapport mill-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara lill-Headquarters tal-A.R.P. għarraf li xi nirien kawżati minn 'flares' kienu ġew osservati.

**10 ta' Lulju:**

Għal ħabta ta' l-erbgħa ta' fil-għodu, intalbet l-għajnuna mill-Pulizija u ssejħu żewġ ambulanzi għax kienu waqgħu xi bombi n-naħa tal-Knisja tal-Vitorja, u xi nies ġew irrapurtati mirdumin taħt il-ġebel ta' djarhom. Disgħa min-nies tilfu ħajjithom, u tnax oħra indarbu fi Triq il-Kbira, Ħas-Sajjied, Triq il-Vitorja u Sqaq il-Vitorja. Sas-sitta ta' fil-għodu, il-Pulizija, mgħejjuna minn voluntieri, kienu għadhom qegħdin ifittxu u jaqilgħu nies mirduma. Ħafna djar twaqqgħu għal kollox, u bosta oħrajn ġarrbu ħsarat kbar. Xi bhejjem, fosthom żewġ żwiemel u għadd ta' mogħoż, intradmu waqt l-istess raid.

**11 ta' Lulju:**

Għal ħabta ta' l-10 ta' fil-għodu, ajruplani tal-għadu tefgħu għadd ta' bombi ħdejn il-kalkara tal-ġir ta' quddiem l-Iskola Teknika tal-Imrieħel. Tlieta min-nies indarbu u ġew meħuda l-Isptar Buġeja f'Santa Venera. Tnejn minnhom kienu Karkariżi: Karmenu Borg ta' 33 sena li kien joqgħod f'Nru. 2, Triq San Ġiljan, u Ġużeppi Borg, ta' 55 sena, ta' Nru. 2, Triq il-Mitħna. Raġel ieħor minn Birkirkara, Mikiel Sultana, ta' 163, Triq San Rokku, indarab matul l-istess attakk mill-ajru fir-Rabat. (In-numri tal-bibien huma ta' dak iż-żmien, u mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-lum, li inbidlu minħabba tibdil u żidiet fil-bini).

**26 ta' Lulju:**

Għal ħabta ta' 8.30 p.m., Anthony Agius Gilibert, ta' 13-il sena, minn Birkirkara, korra serjament meta splodiet f'idejh bomba ta' kontra l-ajruplani li kien qed jilgħab biha.

Fi żmien il-gwerra kien joħroġ rapport kuljum mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni, imsejjaħ Situation Report, li kien jagħti tagħrif dwar il-ħidma tal-għadu fuq Malta u madwarha fl-24 siegħa ta' qabel. Il-gazzetti ta' l-1 ta' Awissu, 1942, kellhom dan xi jgħidu dwar l-erbgħa u għoxrin ta' bejn is-sebgħa ta' fil-għaxija tal-Ħamis, 30 ta' Lulju u l-istess ħin tal-31: ". . . Waqt ħbit minn ajruplani tal-għadu il-lejl li għadda, xi bombi ġew mitfugħa fuq Malta. Il-fighters ta' bil-lejl tagħna u l-kanuni ta' kontra l-ajruplani ħabtu għalihom, u bomber tal-għadu ġie meqrud. Kien hemm ħsarat fil-bini. Tlettax il-ruħ sfaw maqtula, erbatax midruba serjament, u erbgħa u għoxrin midruba ħafif."

• **ikompli**

Dawn il-komunikati kienu jkunu qosra u għal raġunijiet ta' sigurtà kienu jagħtu tagħrif mill-anqas, u ma kienux isemmu l-postijiet fejn ikunu ġew il-bombi. Iżda moħbija wara din it-tagħrifa qasira u xotta kien hemm traġedja umana, li għalkemm komuni għal żmien il-gwerra, kienet regħdet mill-qrib ir-ruħ ta' Birkirkara, li għal kenn li kienet tat lil eluf ta' rifuġjati minn kullimkien, kienet magħrufa bħala 'il-belt kapitali ta' Malta tal-gwerra'.

It-tletin ta' Lulju kien jum tipiku tas-sajf Malti: xemx tiżreġ f'sema mingħajr sħaba matul il-jum, u wara nżul ix-xemx żiffa ħelwa u ħafifa mill-Majjistral. In-nies, wara li trejqu b'dik ix-xi ħaġa żgħira li sabu fi djarhom, kienu qed igawdu kif jistgħu il-frisk ta' fil-għaxija u tal-lejl bikri. F'daqqa waħda tinstema' l-karba tas-sirena: l-għadu kien reġa' ġej iżurna. Id-daqq tas-sireni kien ħaġa ta' kuljum, u ġrajja komuni għal kulħadd. Iżda ftit kienu jaħsbu x'kien se jgħaddi minn Birkirkara fis-siegħat ta' wara.

Id-dokumenti uffiċjali jgħarrfuna li fl-għaxra neqsin kwart tal-lejla tat-30 ta' Lulju, 1942, Malta semgħet is-sireni u r-Rediffusion iħabbru l-bidu tal-air raid Nru. 2789. Għalkemm kulħadd kien ftit jew wisq jibża', mhux kulħadd kien jinżel fix-shelter. Kien hemm min kien jibqa' fit-triqat, oħrajn fi djarhom, u oħrajn saħansitra fuq il-bjut.

Is-siegħat drammatiċi li għaddew minnhom il-Karkariżi f'dak il-lejl u l-jum ta' wara tal-biża', wieħed jista' jgħixhom aħjar mid-djarju uffiċjali tal-Pulizija u tal-A.R.P., miktubin dak inhar stess.

**30 ta' Lulju 1942:**

Raid Nru. 2789 (9.45 p.m. – 10.30 p.m.).

| | |
|---|---|
| 9.45 p.m. | Idoqq is-sinjal ta' attakk mill-ajru. |
| 10.05 p.m. | Jinstema' fil-qrib it-treddin ta' ajruplani u l-isparar tal-kanuni. |
| 10.10 p.m. | Jaqgħu bombi fuq Birkirkara. |
| 10.18 p.m. | Idoqq is-sinjal tar-Raiders Passed. |
| 10.25 p.m. | L-Ispettur Cassar jirraporta bit-telefon mill-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara lill-Headquarters tal-A.R.P. li mara hija maħsuba mirduma taħt it-tiġrif ta' dar milquta Nru. 104, Triq San Rokku, u li skond informazzjoni li tat bintha, kienet baqgħet f'darha. Il-Perit Ġiġi Agius, inkarigat mit-Taqsima tad-Demolition u l-Perit tad-Distrett infurmati mill-Pulizija. Ambulanza taħt is-Surġent Bartolo, u skwadra tad-Demolition, mibgħuta b'ħeffa Birkirkara. |
| 10.30 p.m. | Idoqq is-sinjal tal-All Clear. |
| 10.32 p.m. | L-Ispettur Cassar jirraporta aktar nies midruba, u jitlob ambulanza oħra. |
| 11.10 p.m. | Il-Perit Agius jgħarraf lill-Pulizija li ma jistax isir xogħol fejn waqa' l-bini, għax kien hemm bomba mhix sploduta fl-istess post. |

• **ikompli**

11.25 p.m. Is-Surġent Bartolo jgħarraf lill-Headquarters li sa dak il-ħin kien hemm tlieta min-nies midruba, u ttieħdu l-isptar: Ineż Medati ta' 22 sena, Tessie Sammut, ta' 14-il sena u Giovanna Sammut ta' 50 sena, ilkoll joqogħdu Nru. 104, Triq San Rokku. Joe Sammut, ta' 23 sena, ta' l-istess indirizz midrub ħafif u jintbagħat lura d-dar wara li jiġi mdewwi fil-Berġa mit-Tabib tad-Distrett.

1.15 a.m. Bomba tal-ħin tesplodi u tagħmel ħsara kbira fid-dar Nru. 5, Pjazza Sant'Elena u fil-bini qrib. Ħadd ma weġġa'.

3.10 a.m. Bomba oħra tal-ħin tesplodi fi Triq Imnajjar, u tagħmel ħsara żgħira fil-bini. Ma weġġa' ħadd.

Bħal leħħa ta' berqa ġriet il-kelma ma' Birkirkara kollha dwar dak li kien ġara fi Triq San Rokku u l-għajnuna mill-awtoritajiet, mill-pulizija, mis-suldati, minn voluntieri, ġirien u saċerdoti, waslet fil-pront. Il-bomba li kienet ġiet fid-dar Nru. 104, Triq San Rokku, għalkemm ma splodietx, għamlet ħsara kbira, għax għaddiet minn żewġ sulari, u baqgħet dieħla madwar tliet piedi ġol-art. Kienet bomba msejħa 'delayed action bomb', jew bomba tal-ħin, li kienet taħdem u tesplodi b'mekkaniżmu ta' arloġġ ġo fiha. Il-ħsieb ewlieni kien li jiġu salvati n-nies li kien hemm maqbuda taħt il-ġebel. Ewlieni fost dawk li taw l-ewwel għajnuna kien Dun Viċenż Saliba, il-lum id-Dekan tal-Kapitlu tal-Bażilika ta' Birkirkara, dak iż-żmien saċerdot żagħżugħ, mimli b'enerġija, saħħa, u fuq kollox qlubija ispirata mid-dmirijiet tal-qassis kattoliku. Irnexxieli nintervista lil Dun Viċenż, iżda kienet biċċa xogħol iebsa għalija li nakkwista minnu ħafna minn dan it-tagħrif li qed nikteb, għax minħabba l-modestja tipika tiegħu, ra bi kbira li jitkellem fuqu nnifsu. Iżda meta għidtlu li xi fatti dwaru kont diġà nafhom, meta urejtu parti minn gazzetta ta' dak iż-żmien li kienet kitbet fuqu, u fuq kollox meta għidtlu li dak li kont qed nitolbu kien għall-Programm tal-Festi ta' Sant'Elena, beda ftit ftit jirrakkuntali dak li ġara f'dak il-lejl terribbli u tal-biża' ta' bejn it-30 u l-31 ta' Lulju, 1942.

Dun Viċenż kien, u għadu, joqgħod erba' bibien biss l-isfel minn fejn ġiet il-bomba. Meta sema' l-għajjat u l-krib ta' nies midruba, bla ma qagħad jaħsibha, qabad sellum u xxabbat mal-faċċata tal-bini mġarraf. Taħt it-tiġrif ta' waħda mill-kmamar ta' fuq, salvata biss minn blata ta' bieb li rreżistiet id-daqqa tal-bomba, u mgħaffġa taħt gwardarobba maqluba, jilmaħ mara daqsxejn avanzata fl-età, midruba sewwa, titniehed u titlob l-għajnuna. Wara li resaq lejha u qararha u taha l-aħħar assoluzzjoni, Dun Viċenż, fid-dlam ċappa, u mgħejjun biss mid-dawl ta' lampa tal-pitrolju mismuma f'idejn xi ħadd isfel, irnexxielu bi tbatija kbira jerfagħha u jqegħdha fuq spallejh, jimxi biha fuq travu irqieq tal-ħadid, u b'sogru tal-għaġeb jinżel biha mas-sellum, sa ma ħaduha f'idejhom in-nies tal-ambulanza li kienu qed jistennew. B'għaġeb kbir tiegħu isib fuq il-post, anzi jżommlu s-sellum, lil Mr. Locker, l-assistent tal-Logutenent Gvernatur, li kien wasal malajr minn fejn kien joqgħod f'Ħal Balzan, u li mill-ewwel feraħlu għall-att erojku li kien għadu kemm wettaq fil-

• ikompli

preżenza ta' bomba tal-ħin li setgħet ħadet minn mument għall-ieħor. Għat-tieni darba, Dun Viċenż, jidħol u jsalva persuna opra minn taħt it-tiġrif, u kienet biss id-dalma li ma ħallietux jerġa' jidħol jara minn fejn kien għadu ġej it-tnehid ta' xi persuna oħra mirduma.

Inħalli issa f'idejn il-ġurnal "Leħen is-Sewwa" tat-Tlieta, 11 ta' Awissu, li dak iż-żmien kien joħroġ kuljum, biex jikkommenta dwar din il-ġrajja. L-editorjal, taħt ir-ras "Atti ta' Ġenerożità Kbira", li se nirriproduċi sħieħ għax kull kelma u frażi fiha tifsira, kien jgħid hekk:

*"Meta tinkiteb l-istorja taż-żmien li aħna għaddejjin minnu — u m'hemmx raġuni għaliex volumi kbar ma għadx jinkitbu, tant huma l-fatti li jistħoqqilhom li jibqgħu reġistrati — bosta atti ta' eroiżmu għad jimlew faċċati sħaħ ta' għamil qalbieni. Iżda bosta oħrajn għad jibqgħu mhux magħrufa, ħlief għal Alla, jistennew il-jum tal-Ġudizzju Universali, għax huma miktuba fil-Ktieb tal-Ħajja. Fost dawn l-atti huma l-atti ta' bosta saċerdoti li aħna xtaqna nafuhom biex inxandruhom, mhux għax nixtiequ nnaqsu l-mertu soprannaturali ta' min iwettaqhom, imma ħalli meta dawn il-fatti jiġu magħrufa, tikber fil-qima u r-rikonoxxenza ta' dawk il-ħbieb tal-poplu li waqt li jfittxu l-ogħla ġid, ma jittraskurawx il-bżonnijiet materjali ta' ħuthom.*

*Il-modestja ta' bosta minn dawn il-qalbiena, li, meta jiġi l-waqt, ikunu minn ta' l-ewwel għajnuna ta' ħuthom iġġiegħel li bosta fatti jaslulna mnikkra u ma jħalluniex niktbu fuqhom fil-waqt.*

*Każ tipiku huwa l-għamil qalbieni tas-Saċerdot Dun Viċenż Saliba li fl-aħħar diżgrazzja li saret f'Birkirkara, meta waqgħu l-bombi fil-qalba ta' dan iċ-ċentru importanti, kien il-kawża li ġew meħlusa mill-mewt tnejn min-nies fost sogru l-aktar kbir.*

*Dan il-każ ma jistax jibqa' moħbi għaliex xhieda tal-għamil tiegħu, kien l-istess Assistent tal-Logutenent Gvernatur Mr. Locker, li fost l-ammirazzjoni ta' kulħadd ta huwa wkoll l-għajnuna tiegħu biex Dun Vinċenż seta' jwettaq l-azzjoni kuraġġjuża tiegħu.*

*Meta dan l-aħħar splodiet il-bomba f'Birkirkara u djar ġew imġarrfa, kien il-kuraġġ u l-eroiżmu ta' Dun Vinċenż Saliba li bla ma qies il-periklu, tela' ma' sellum, li Mr. Locker żamm, biex Dun Viċenż seta' jidħol qalb il-bini qiegħed jiġġarraf u salva tnejn min-nies maqbudin qalb it-tiġrif, waqt li bomba oħra mhix meħuda — li ħadet wara — kienet għada fl-istess bini. U kien aktarx jirnexxilu li jsalva lill-persuna oħra, li kellu dawl biżżejjed biex jara minn fejn kien ġej it-tnehid.*

*Dan il-fatt insejħulu tipiku mhux għaliex bosta huma dawk li jirnexxilhom li jsalvaw il-ħajja ta' nies, imma bosta huma dawk is-Saċerdoti li fil-mument ta' bżonn huma lesti biex jagħmlu l-akbar atti ta' ġenerożità, għaliex l-imħabba tagħhom hija mixgħula min imħabba soprannaturali li tifga fihom kull kondizzjoni personali. Għalhekk waqt li nsellmu minn qalbna u nifirħu lil Dun Viċenż għal għamil qalbieni tiegħu, f'dan il-ferħ, nixtiequ lil dawk il-qalbiena kollha li bil-ġenerożità tagħhom kienu ta' għajnuna kbira f'dan iż-żmien ta' prova kbira".*

**• ikompli**

Għalkemm il-mara li salva Dun Viċenż fil-fatt mietet ftit wara, dan ma jnaqqas bl-ebda mod mill-mertu, la quddiem Alla u lanqas quddiem il-bnedmin, ta' dan il-wild qalbieni ta' Birkirkara. Dun Viċenż offra wkoll li jorbot il-bomba mhux sploduta b'ħabel u joħroġha 'l barra biex ma jiġġarrafx aktar il-bini, iżda ma ġiex imħolli jagħmel hekk mill-militar li insistew li dan jagħmluh in-nies imħarrġa tagħhom li ġibdu l-bomba bi truck.

Malli s-suldati ċaqilqu l-bomba biex iwarrbuha mill-abitant, indunaw li din kienet għada attiva, u li setgħet tesplodi minn waqt għall-ieħor b'riżultati diżastrużi. Instemgħet bħal tisfira żgħira ħierġa mill-bomba, u ddeċidew għalhekk li jħalluha fejn kienet, f'nofs it-triq, eżatt quddiem Sqaq il-Biċċiera, wara li dawruha b'xi xkejjer tar-ramel. In-nies tal-inħawi bdew jiġu evakwati u jinħarġu minn djarhom, u qalulhom biex idabbru rashom x'imkien fiż-żgur għal matul il-lejl sa ma titneħħa l-bomba fl-ewwel dawl tal-jum tal-għada. Il-biċċa l-kbira tan-nies obdew l-ordni u ħarġu minn djarhom, u min raqad f'xi shelter daqsxejn imbiegħed, u min sab kenn għand xi ħbieb jew qraba. Bosta marru jqattgħu l-lejl fl-Oratorju fi Triq San Ġiljan. Niftakar li jien, avolja l-għada kelli eżami tal-Matrikola, qattajt il-lejl bil-qegħda fuq banketta tal-injam f'shelter fil-Pjazza. X'uħud, għal raġuni jew oħra, baqgħu fil-qrib, anzjużi biex jaraw x'ser isir minn djarhom u minn ħwejjiġhom. Bosta ħadu magħhom dak li setgħu, bħal flus u deheb. Dun Viċenż qalli, li qabel ma ħareġ mid-dar, qal talba żgħira għall-għajnuna quddiem statwa ta' Santa Tereża li kellu fl-istudju tiegħu u li kien ġieb mis-Seminarju. L-ommijiet u l-missirijiet ġabru lil uliedhom u begħduhom mill-periklu. Il-pulizija u s-suldati għalqu t-triqat u s-sqaqijet kollha u kellhom ordnijiet stretti biex ma jħallu l-ħadd jgħaddi. Wara lejl twil li donnu ma kien se jispiċċa qatt, sebaħ l-għada, l-Ġimgħa.

Ikompli d-djarju uffiċjali tal-Pulizija:

**31 ta' Lulju, 1942:**

| | |
|---|---|
| 5.45 a.m. | Bomba tal-ħin għada kemm splodiet. Il-Kuntistabbli Nru. 189 jirraporta mill-Għassa ta' Birkirkara li sa dak il-ħin ġew irrapurtati tnejn minn nies midruba ħafif fil-Knisja ta' Santa Liena. (Wieħed minn dawn kien ħija, illum Dun Alwiġ Ellul, li weġġa' f'rasu meta nkiser il-ħġieġ tat-twieqi). |
| 6.50 a.m. | Il-Kuntistabbli Nru. 189 jinforma li hemm għadd ta' nies mejtin, u ħafna oħrajn midruba serjament, u jitlob ambulanza. |
| 6.52 a.m. | Is-Surġent Bartolo, tal-A.R.P., jintbagħat Birkirkara mill-Headquarters flimkien ma' skwadra ta' nies. |
| 7.00 a.m. | Is-Surġent Bartolo jċempel minn Birkirkara u jitlob ambulanza oħra. L-uffiċjal inkarigat mit-twaqqiegħ tal-bini jiġi nfurmat. |
| 7.02 a.m. | Jintbagħat ukoll is-Surġent Sant bi skwadra oħra ta' nies għal aktar għajnuna. |
| 8.29 a.m. | Tinstab bomba żgħira tal-ħin fl-inħawi "Tal-Mensija'. (Dak iż-żmien kienet għada tagħmel ma' Birkirkara). |
| 8.31 a.m. | Tinstab bomba tal-ħin qrib Triq Anġlu Mallia, in-naħa ta' Triq in-Naxxar. |

**•ikompli**

Mas-sebħ tal-Ġimgħa, in-nies bdew iqumu bħas-soltu biex jibdew il-ħidma tal-jum. L-irġiel riedu jmorru għax-xogħol, in-nisa kien moħħhom fil-faċendi tad-dar u biex jibagħtu t-tfal l-iskola, dak iż-żmien fi klassijiet imxerrda fi knejjes u djar. Il-pulizija bdew iżommu n-nies, u jdawruhom minn ħdejn Tal-Ħerba u minn inħawi oħra 'l bogħod mill-periklu. Il-bomba kienet rieqda, mhux mejta. Xi nies injoraw il-pulizija u baqgħu għaddejjin minn triqthom tas-soltu. Aktar ma beda jgħaddi l-ħin, aktar bdew jimtlew it-triqat bin-nies, u sar aktar diffiċli għall-pulizija jikkontrollawhom. Fis-sebgħa nesqin kwart eżatti, il-mostru jqum min-ngħasa, u f'ħakka t'għajn jagħmel ħerba u straġi u mewt u niket. F'mument wieħed ix-xena titbiddel f'waħda terribli u ta' qsim il-qalb għall-Karkariżi, u l-għodwa sajfija issir għodwa ta' biża' u terrur. Riħa ta' porvli, nar, daħna ta' trab, ġebel itir, iġsma imbiċċra, għadajjar ta' demm, krib tal-midruba, tnehid għall-għajnuna, xhir u biki ta' nieshom u ħbiebhom. Bħal dejjem, is-saċerdoti tal-parroċċa, kienu minn ta' l-ewwel fuq il-post, fosthom il-Prepostu Vella, zijuhi Dun Karm Bezzina, Dun Ġużepp Micallef, Dun Viċenż Saliba, u oħrajn li llum ma niftakarx, jamministraw is-sagramenti u jagħtu l-aħħar assistenza lill-moribondi. Ma naqsux it-Tobba, l-ambulanzi, nies tad-Demolition u tal-A.R.P. u voluntieri, li ġarrew lill-feruti lejn l-Għassa tal-Pulizija. Wasal ukoll fuq il-post fi ftit ħin il-Gvernatur Lord Gort, li b'awtorità kbira ried jaf kif il-pulizija ħallew in-nies jgħaddu. Kien hawnhekk li Dun Viċenż spjegalu li minkejja l-fatt li l-pulizija u s-suldati għamlu minn kollox biex iżommu n-nies ma rnexxielhomx, u dawk li għaddew għamluh minn jeddhom u għax skappaw il-kurdun tal-pulizija.

Lord Gort ġie mgħarraf ukoll minn Mr. Locker b'dak kollu li kien għamel Dun Viċenż Saliba l-lejl ta' qabel u dak inhar fil-għodu, u qallu li kien set jirrikmandah għal midalja tal-ġieħ, iżda dan ma aċċettax għax ħass li kull m'għamel kien dmir tiegħu bħala saċerdot kattoliku.

In-numru tal-mejtin kien ta' tlettax, u isimhom huwa mniżżel fil-Ktieb tal-Unur maħruġ mill-Kummissjoni tal-Mejtin tal-Imperu, u li hemm kopja tiegħu preservata fil-Mużew tal-Gwerra, Sant'Iermu, il-Belt:-

1. – **Gejtana Abela**, 20 sena, ta' 75, Triq Santu Rokku, li mietet fit-3 ta' Awissu, effett tal-ġrieħi.
2. – **Antonio Agius**, 29 sena, bin John, ta' 17, Triq Għar-il-Ġobon.
3. – **Carmelo Borg**, 27 sena, bin Peter, ta' 153, Triq San Ġiljan. Borg għandu lapida tar-rħam, l-ewwel waħda miktuba bil-Malti, fil-Kannierja tal-Bażilika.
4. – **John Busuttil**, 16-il sena, bin Carmel, ta' 23, Sqaq il-Biċċiera.
5. – **Paolina Buttigieg**, 5 snin, bint Joseph, ta' 19, Sqaq il-Biċċiera.
6. – **Joseph Calleja**, 75 sena, ta' 13, Sqaq Dun Vestru.
7. – **Ġiorġina Dimech**, 28 sena, mart Espedito, ta' 83, Triq San Rokku.
8. – **Michael Fenech**, 47 sena, żewġ Assunta, ta' 8, Sqaq il-Biċċiera.

• **ikompli**

9. – **Orazja Grech**, 4 snin, bint Joseph, ta' 10, Sqaq il-Biċċiera, midruba serjament, mietet aktar tard fl-istess jum fl-Isptar Bugeja.
10. – **Melita Medati**, 50 sena, mart Ġużeppi, ta' 104, Triq San Rokku.
11. – **Amabile Sammut**, 21 sena, bin Emmanuel, ta' 104, Triq San Rokku.
12. – **Carmelina Sammut**, 23 sena, bint Emmanuel, ta' 104, Triq San Rokku.
13. – **Maria Scerri**, 9 snin, bint Dominic, ta' 33, Sqaq il-Biċċiera, midruba serjament u mietet aktar tard fl-istess jum fl-Isptar Bugeja.

Irħama kommemorattiva bl-ismijiet ta' dawn il-vittmi, li tqiegħdet f'Ġunju, 1980, tinsab imwaħħla mal-ħajt tal-ġenb tal-Knisja viċina ta' Santu Rokku.

Erbgħa u għoxrin ruħ oħra indarbu gravament u ġew meħuda għal kura fl-Isptar Bugeja jew fl-Isptar Cini:

1. Antonia Abela, 20 sena, 75, Triq San Rokku.
2. Elena Attard, 15-il sena, 5, Triq Tal-Ħerba.
3. Gaetano Azzopardi, 14-il sena, 10c, Sqaq Sampusa.
4. Ġużeppa Balzan, 32 sena, 3a, Sqaq il-Biċċiera.
5. Andrea Barbara, 4 xhur, 39, Sqaq il-Biċċiera.
6. Giovanna Borg, 33 sena, 7, Sqaq Dun Vestru.
7. Carmelo Calleja, 63 sena, 1, Sqaq 1, Triq Għar il-Ġobon.
8. Marta Caruana, 46 sena, 3, Sqaq il-Biċċiera.
9. Maria Cassar, 7 snin, 30, Sqaq il-Biċċiera.
10. Rosaria Cassar, ?, 30, Sqaq il-Biċċiera.
11. Carmelo Farrugia, 17-il sena, 38, Sqaq il-Biċċiera.
12. Joseph Farrugia, (?), 130, Triq il-Kbira.
13. Caretina Galea, 36 sena, 10c, Sqaq Sampusa.
14. Carmela Grech, 50 sena, 70 Triq San Rokku.
15. Elena Grech, sentejn, 10, Sqaq il-Biċċiera.
16. Tonina Grech, 35 sena, 10, Sqaq il-Biċċiera.
17 Ineż Medati, 22 sena, 104, Triq San Rokku.
18. Salvo Muscat, 15-il sena, 17, Triq Ħas-Sajjied.
19. Giovanna Sammut, 50 sena, 104, Triq San Rokku.
20. Giovanna Sammut, (?), 7, Sqaq il-Biċċiera.
21. Tessie Sammut, (?), 104, Triq San Rokku.
22. Tonina Scerri, 8 snin, 27, Sqaq il-Biċċiera.
23. Joseph Vella, 49 sena, 73, Triq San Ġiljan.
24. Joseph Xuereb, 11-il sena, 23, Sqaq il-Biċċiera.
25. Pawlu Zammit, 18-il sena, 38, Sqaq il-Biċċiera.

---

Bosta oħrajn indarbu ħafif u intbagħtu d-dar wara li ġew ikkurati fil-Berġa.